# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Adrian Demanuele

Seduta: VAT

Illum, 21 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet dedotti kontra **Adrian Demanuele** (K.I. 412685 M) imwieled gewwa Malta u residenti The Valley, Blk A, Flat 10, Triq Guze' Miceli, Gzira detentur tal-karta tal-identita' numru 412685 M) bl-indirizz tan-negozju Cesca Club, Triq tal-Gardiel, Marsascala, Malta, akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fl-**24 ta' Dicembru, 2022** gewwa **Cesca Club, Triq il-Gardiel, Marsascala, Malta** int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci rcevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali u / jew kotba tar-ricevuti fiskali manwali kif mahruga jew approvati mill-

Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista, u u dan bi ksur tal-partititi 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(a), 81 u 82 tal-istess Att Nru. XXIII tal-1998.

Semghet ix-xhieda ta' Marylin Schembri Saliba li ikkonfermat Dok A bil-gurament; ta' Lorraine Galea li ezebiet zewg ircevuti Dok B u C u Z reading D; ta' Daryl John Cachia li pprezenta rapport Dok E; tal-imputat fis-seduta tal-22 ta' Novembru 2023; semghet ix-xhieda tal-imputat fis-seduta tal-22 ta' Novembru, 2023;

Rat il-kunsens tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana ipprezentant mix-xhud Marylin Schembri Saliba u konfermat bil-gurament fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-partititi 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(a), 81 u 82 tal-istess Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat id-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Provi tal-Prosekuzzjoni

**Lorraine Galea,** Revenue Inspector VAT xehedet fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023. Tixhed li fit-24 ta' Dicembru 2022 ghamlu spezzjoni gewwa Cesca Club, Triq il-Gardiel, Marsascala. Hemm hekk kellmu lil Adrian Demanuele li huwa l owner bl-ID card number

041268M. Tixhed li meta dahlu aħna ġol premises nnotaw li kien hemm bejgħ ta' alcoholic drink u li ma kinitx ħarġet l-irċevuta. Marru mal-bar u kellmu lil propjetarju,. Adrian Demanuele, u qalulu biex johrog l-irċevuta ta' dak id-drink li kien għadu kif biegh. Tixhed:-

"Mr. Demanuele qalilna li hu jiftaħ il-bar darba fil-ġimgħa u li hu jippanċja jagħmel receipt wahda qabel ma jiftaħ ta 515 li jorijielna. U kull darba qabel ma jiftaħ jiġifieri hu qalilna li għax ħabbar li l-impjegati li kellu ma jafux kif jużaw il-fiscal cash register allura kien jippanċja ammont."

Mistoqsi mill-Qorti jekk tagharafx l-imputat tirrispondi li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk kelmietx l-owner biss tirrispondi:-

"Pros: Jiġifieri inti kellimt lill owner biss jew lil owner u xi ħadd ieħor?

Xhud: Kien hemm impjegati imma la kien hemm l-owner hawnhekk aħna kellimna lill owner, U hu qalilna li fl aħħar tax-xift imbagħad jagħmel reconciliation bejn il-cash li jkollu fit-tip u jara jekk ikunx iktar mill-irċevuta li ħareġ fil-bidu jew le. Aħna għednielu li hu ma jistax jaħdem hekk għax hu suppost joħroġ irċevuta ma kull bejgħ li jsir hu tgħidilna, jiġifieri l-irċevuta mingħalija kienet ta' u hawnhekk għandi l-irċevuta tad-drink ta`2 euros u hawnekk ghandi l-ircevuta ukoll li kien ghamel qabel ta 515."

Fuq wara tal-ircevuta ezebita hemm notament li saret minnha waqt l-inspection. Li taqra "opena once a week X not taken punches ammount prior to open then at the end of and of the … reconciles the cash office kien cash register it does not issued to receipt to individuals, … and payment no receipt was issued. Dak li ktibt dak il-ħin waqt l-inspection."

Mistoqsija jekk kienx hemm xi party u l-imputat qalla b' dan tirrispondi li dan ma kienx il-kaz u li huma raw lill-klijent li jhallas. Fil-propjeta' kien hemm nies jiehdu d-drinks bhal kwalunkwe bar iehor.

In kontro-ezami, tikkonferma li marru xi 11:00 pm u li kien lejliet il-Milied. Mistoqsija kif waslet ghal konkluzjoni li ma kienx open bar tirrispondi li hi kienet hemm. Tixhed li f' dan il-kaz

"Xhud: Naqbel mieghek pero f'dan il-każ aħna rajna drink jiġi ordnat rajna l-flus qegħdin jitħallsu u l- irċevuta ma ħarġitx fil-fatt għandi l-irċevuta għax filfatt ħariġielna u kienet ta 2 euro."

Izzid li li kieku kien open bar ma kienx johrogha l-ircevuta. Terga' Tikkonferma li huma raw il-flus ghaddejjin u rcevuta lil klijent ma nhargitx.

**Daryl John Cachia,** VAT Insepector MTCA, xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023. Jixhed li flimkien ma kollega tieghu Lorraine Galea ghamel spezzjoni lejlet il-Milied l-erbgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (24/12/2022) ġo nightclub Cesca Club, Triq il-Gardiel, Marsaskala. Jixhed:-

"Xhud: Dan konna dħalna ġol bar rajnieh qed jagħti drinks u ma ħarigx irċevuta fil-fatt hawnhekk aħna tlabnih l-irċevuta tal-pagament li aċċetta meta aħna rajnih jagħti drink u ma haritx l-ircevuta."

Jikkonferma li Dok B hija l-ircevuta ta' 2 ewro li hareg fuq insistenza taghhom. D-Dokument l-iehor huwa rcevuta ta' Eur 515 li l-imputat qalilhom li jippancja qabel ma jiftah biex fi kliemu jkun kopert.

Jikkonferma li hu raha t-tranżazzjoni tal-flus ta 2 ewro għaddejjin. Kellmu lis-sur Adrian Demanuele ID card 412685M, l-owner. Ix-xhud jaghraf lil imputat fl-awla. Hu raha transazzjoni ta' drink wiehed. Mistoqsi dwar kemm kellu haddiema l-ewwel jirrispondi li ma jitfakarx u li l-imputat stess kien semmielhom li kellu l-haddiema.

Mistoqsi kif jaf li ma kienx open bar jirrispondi li huwa raha l-flus jghaddu u li kieku kien open bar l-imputat kien jghidilhom. Fil-bar kien hemm hafna nies. Ma jiftakarx kemm damu gewwa l-bar.

Provi Difiza.

**Adrian Demanuele,** l- imputat, xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2023. Jixhed

"Xhud: Ara jien kelli open bar ma' bniedem li jaghmel open bars hemmekk dana nftiehem ammont miegħu noħroġlu irċevuta u mbagħad iħallasni wara u l-irċevuta ħriġtha u żammejt għax dan jgħidli imbagħad nirranġaw wara u ġieli tani xi 10 ewro jew 15 ewro żejda mela le u proset tas-servizz u hekk jiġru l affarijiet issa jien l-irċevuta żammejtha issa x'ħin gew huma għedtilhom hawn ara fejn hi l-irċevuta qaluli, imma dan ħa drink għedtilhom, ija naf li ħa drink jiena ghedtilhom naraw kif ħa nżommulu jekk dawn diġà ħriġtilhom l-ircevuta."

Mistoqsi mill-Qorti kif jikkontrolla lin-nies li jiġu ghad-drinks diġà tħallsu? Jirrispondi

"Xhud: Ghax inkun nafuhom dawn bażikament dejjem l-istess nies jiġu jien naghrafhom wiċċhom bażikament hu u anke u jgħidli dan l-organizer jgħidli isma' dawn in-nies tagħna tagħrafhom u jkollok 25 ruh 30 ikun quddiem wiċċek."

Jixhed li l-ircevuta ta' Eur 515 hija l-ircevuta tal-open bar ta' dawk in-nies.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk dawk in-nies li hallsu ghal party tahomx xi ricevuta jirrispondi li kien ghadu ma tahomx ghaliex ippancjahom u mbghad ihallsuh. Ma tahomx xi forma ta' rcevuta ghaliex lahqu haduwielu l-inspectors. Qatt ma kellhom biljett ghaliex jafhom minn wicchom.

Mistoqsi jekk hallsu ghalfejn hareg ircevuta ta' 2 euros gja la darba hallsu jirrispondi li dak il-hin kien wahdu u wara l-bar kien hemm it-tfajla tieghu. Il-hin kien 11:30 pm u kien hemm hafna storbju u ma kienux qed jiftehmu. Talbuh l-ircevuta u tahilehom fuq l-insistenza tal-ispetturi.

Ikkunsidrat

Fil-kaz in ezami l-imputat, li huwa sole owner tal-istabiliment Cesca Club, Triq il-Gardiel, Marsascala, kif ikkonfermat mid-dokumenti ezebiti, huwa akkuzat li naqas li jaghti rcevuta fiskali lil klijent meta sar bejgh ta' drink fil-bar nhar il-24 ta' Dicembru, 2022. F' dan il-kaz l-ispetturi tal-VAT Lorraine Galea u Daryl John Cachia li xehedu f' dawn il-proceduri it-tnejn ikkonfermaw bil-gurament taghhom li raw persuna mal-bar tixtri drink, tghaddi 2 ewro u ma inghatax ircevuta. Huwa xehedu li konfrontaw lil imputat li qalilhom li huwa johrog ircevuta ta' Eur 515 fil-bidu sabiex ikopri kollox. Meta intalbab johrog l-ircevuta tat-transazzjoni ta' 2 ewros huwa harigha.

Mill-banda l-ohra d-difiza tal-imputat hija principalment fuq il-fatti li skont hu l-avveniment kien open bar u ghalhekk ma kienx hemm htiega li tinhareg rcevuta. Huwa jattribwixxi l-fatt li sussegentement hareg ircevuta ghax tifxkel.

Fil-verzjoni li taha l-imputat lis-spetturi tal-VAT in tempo vergine u li z-zewgt spetturi xehedu fuqha huwa li huwa johrog ircevuta fil-bidu tas-serata ghaliex il-haddiema ma jafux joperaw il-cash register. Huwa fil-kors ta' dawn il-proceduri li qal li kien open bar. Il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputat li kien open bar u li ghalhekk ma inhargitx ircevuta ma hijiex kredibbli u ma hija sostanzjata b' ebda' prova. L-imputat ma offra ebda' prova li dak in-nhar fl-istabiliment tieghu kien hemm open bar. Fix-xhieda tieghu jikkonferma li ma taha ebda' rcevuta tal-open bar lil klijenti, u sahansitra jghid li ma kienx hemm bzonn ta' ebda' biljett ghaliex jaghrafhom minn wicchom. Ta' min jghid li l-istabiliment kien bil-bibien miftuhin u l-ispetturi raw persuna thallas ghal drink.

Il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-kaz taghha l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

**Decide**

Għaldaqstant l-Qorti wara li rat il-partititi 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(a), 81 u 82 tal-istess Att Nru. XXIII tal-1998 issib lil imputata **Adrian Demanuele** ħati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tlett (3) elef euro.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**